# PARIR

*Meta tislef ktieb waħħal biċċa karta bejn il-qoxra u l-frontispizju tal-ktieb u ikteb fuqha dawn il-versi biex tfakkar lil ħabibek x'inhu ħmiru wara li jaqra l-ktieb li sliftu.*

## DIN TA' SIDEK L-GĦAJTA!

(Imnebbħa minn oħra bl-Ingliż)

**Mur, ja ktieb ċkejken mur; għal ħabib tiegħi**
**sellili u mb'għad, bħalma kont tagħmel miegħi,**
**għaddilu ż-żmien u faraġ tiħ fid-dwejjaq,**
**għax kultant b'ħobżok biss il-qalb titrejjaq.**
**U meta fl-aħħar ikun qara kliemek**
**sat-tmiem wil-ħarsa jwarrab minn quddiemek,**
**sefsiflu ġo widnejh li ġewwa daru**
**int mort iżżuru bħalma ġie li żaru**
**ħabib bħalek li raġa' mar f'dar sidu;**
**li għalkemm sidek telqek ftit minn idu,**
**issa l-ħin sar li fih bħal mewġ fix-xtajta**
**int targa' għal darek: din ta' sidek l-għajta!**

* * *